KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tnejn (2)***

***Il-Hamis, 18 ta' Lulju, 2019***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**223.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

2.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apologiji

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

2.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 1 li nzammet nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2019.

2.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 1 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

2.2.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li ghandha tizdied bhala korruzzjoni mal-materja numru 1.3.3 'Il-Kunsillier Keith Fenech se jkun responsabbli mill-materji li ghandhom x'jaqsmu mal-Fondazzjoni tal-GAL Xlokk'.

2.2.4 **Mozzjoni 02-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 1 bil-korrezzjoni msemmija f'materja 2.2.3.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 1 gew approvati unanimament.

**2.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 2 (08) – Gunju 2019***

2.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 2 biċ-ċekkijiet numru 6595 sa 6637 li tammonta €36,693.31

2.3.2 Kien hemm xi kjarifiki mill-Kunsilliera rigward xi hlasijiet li gew diskussi immedjatament.

2.3.3 **Mozzjoni 02-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 2 bl-ammont ta' €36,693.31

Proponent: Il-Kunsillier Keith Fenech

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 02 (08) giet approvata unanimament.

## 2.4 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart: Jannar- Marzu 2019

*F'dan l-istadju tal-laqgha attenda l-Accountant tal-Kunsill*

2.4.1 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri li hemm fir-Rapport tal-Ewwel Kwart : Jannar - Marzu 2019.

2.4.2 Wara din l-ispjegazzjoni, tressqet mozzjoni ghall-approvazzjoni tar-Rapport tal-Ewwel Kwart : Jannar –Marzu 2019.
**Mozzjoni 02-03**: Proponent: Is-Sindku Darren Abela
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

2.4.3 Ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena gie approvat unanimament u ghaldaqstant iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

*F'dan l-istadju tal-laqgha l-Accountant tal-Kunsill hareg mill-kamra.*

## 2.5 Korrispondenza

2.5.1 Tressqet korrispondenza minghand l-Ghaqda Filantropika fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-ghotja li inghatata mill-qliegh li sar mit-tazzi li nbieghu fl-attivitajiet tac-Cheese and Wine li saru s'issa.

2.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li t-tender tal-knis jinsab ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel ikun jista jinhareg. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat il-kontenut tat-tender u qalet li min jixtieq jarah jista jintbaghat b'email.

2.5.3 Tressqet korrispondenza dwar l-Iskema ta' Restawr ta' Postijiet/ Monumenti Storici. Is-Sindku Darren Abela ppropona li din il-korrispondenza tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

*F'dan l-istadju, il-Laqgha giet sospiza (6.30pm).*

*Il-Laqgha tkompliet fis-6.45pm.*

2.5.4 Tressqet korrispondenza dwar l-Iskema tal-Librerija. Is-Segretarju Ezekuttiv ipproponiet li ssir *Virtual Reality System* fil-Librerija. Ghal din il-proposta se tkun qed titlob stima. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5.5 Tressqet korrispondenza sabiex issir attivita fil-librerija fejn naghtu donazzjoni ta' 50 *comic book* lill-Malta Libraries. Il-Kunsill se jkun qieghed jiddiskuti din l-attivita' fil-laqgha li jmiss.

2.5.6 Tressqet kwotazzjoni dwar servizz sabiex issir l-applikazzjoni tal-GAL tar-restawr tal-istatwa ta’ Santu Rokku. L-prezz huwa 900eur + VAT se niccekjaw meusec.

2.5.7 Tressqet Stqarrija mill-Assoccjazzjoni dwar il-lokalitajiet li qed jiehdu sehem fl-inizzjattiva kontra r-rilaxxar tal-bziezaq fejn hemm inkluz il-lokalita ta Hal Ghaxaq.

2.5.8 Tressqet kwotazzjoni ghall-zbir ta’ sigar fic-cimiterju u 3 sigriet ta’ fuq Santu Rokku. L-ispiza hija ta’ Eur767. Il-Kunsill qabel li jingieb l-permessi neccessarji u jsir iz-zbir kif kwotat.

2.5.9 Tressqet korrispondenza dwar proposta sabiex isiru fitness classes. Il-Kunsill qabel li din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

2.5.10 Rigward it-toqob fi Triq il-Belt Valletta, il-Kunsill qabel li ghalissa ma jhallasx il-kont u jistenna r-risposta minghand Infrastructure Malta ta’ kemm thallas biex isiru t-toqob tal-arbli.

2.5.11 Tressqet korrispondenza dwar ghajnuna finanzjarja ghall-korsijiet tal-Lifelong Learning. Il-Kunsill qabel li din tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

2.5.12 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Agenzija LESA se tkun qed tghaddi lill-Kunsill bilanc ta’ Eur2699.02 ghall-inizzjattivi kulturali u socjali.

2.5.13 Rigward il-bini tal-hajt f’bir id deheb , is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li t-tindif sar u ghaldaqstant il-hlas jista’ jinghata.

2.5.14 Tressqet korrispondenza dwar spejjez ghall-danni ikkagunati f’karozza minhabba toqba fi Triq il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jirrifondi dawn l-ispejjez.

2.5.15 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Onorarja u l-Allowances zdiedu.

2.5.16 Rigward il-gbir ta’ skart separat, il-Kunsill se jkun qieghed jibghat ghall-approvazzjoni lid-Dipartiment bil-proposta li l-gabra tibda ssir kull nhar ta’ Gimgha.

**2.6 <u>Programm ta’ Hidma tal-Kunsill Lokali</u>**

2.6.1 Is-Sindku Darren Abela propona lista ta’ Progetti li l-Kunsill se jkun qieghed jaghmel f’din il-Legislatura.

2.6.2 Il-Kunsill se jkun qieghed jahdem fuq it-tisbih tal-Pjazza, progett ta’ tisbih u bini ta’ garaxx fil-Pjazza Santu Rokku, Bini ta’ Centru Civiku, Manutenzjoni u Tisbih ta’ Gnien il-Kunsill u Gnien Elfejn, u progett ta’ *picnic area/campsite* fiz-zona taz-Zebbug.

2.6.3 Dwar din il-lista ta’ progetti proposti, il-Kunsill qabel unanimament.

## 2.7 Komunikazzjonijet mis-Sindku

2.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li l-progett tas-*signs* fi Triq il-Belt Valletta qed jingiebu stimi sabiex naraw kemm se tigi l-ispiza.

2.7.2 Is-Sindku Darren Abla ppropona li f'salib it-toroq fi Triq San Filippu u Triq il-Belt Valletta ghandhom isiru 4 road humps. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li titressaq it-talba lill-TM.

2.7.3 Is-Sindku Darren Abela propona li fi Triq l-Andar jittella' hajt ta' 4 filati u jigi mdawwar bil-fence biex f'dik iz-zona ma jitkomplix jintrema skart.

2.7.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir talba mar-Regjun biex jintbghatu l-haddiema taghhom biex jaghmlu *refurbishment* fi Gnien Elfejn. Dwar dan il-Kunsill qabel.

## 2.8 Zona Bir id-Deheb u Tnehhija tal-iskips

2.8.1 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li gie avvicinat minn zewg hwienet fiz-zona ta' Bir id-Deheb fejn dawn qed jippronu li ssir camera u tithallas mill-hwienet stess.

2.8.2 Wara diskussjoni, is-Sindku Darren Abela propona li jitnehhew l-iskips minn fejn qeghdin u l-iskip titpogga quddiem il-hwienet rispettivi taghhom b'sorveljanza ta' camera fuqhom. Hadd ma ssekonda din il-proposta.

2.8.3 Il-Kunsillier Keith Fenech qal li hu ma jaqbilx li l-iskips jithallew hemm. Ghaldaqstant huwa ppropona li jitnehhew l-iskips u l-iskart jibda jinhareg kuljum u jingabar kuljum mill-kollettur taghna jew taghhom skond il-htiega.

2.8.4 Ittiehed vot favur din il-proposta bir-rizultat:
Favur: 4 (CD, RA, AG, KF)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (DA)

2.8.5 Ghaldaqstant, il-Kunsill qabel li l-iskips jitnehhew kollha sal-31 ta' Lulju 2019

2.8.6 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona ukoll li jitwahhlu bins fiz-zona ta' Bir id-Deheb.

2.8.7 Rigward il-parking, il-Kunsill qabel li jerga jibghat lill-TM minhabba li issa zdiedet zona ohra ta' parkegg.

2.8.8 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona ukoll li l-hajt jinzamm fuq 4 filati u l-kumplament tal-gebel jintuza biex jinbena l-hajt mad-dawra taz-zona li inghatat bil-konkos.

*F’dan l-istadju l-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti materja numru 2.10*

**2.10 Laqgha Mal-Pulizija dwar parkegg u ndafa pubblika**

2.10.1 Il-Kunsillier Keith Fenech ppropona li ssir laqgha mal-Pulizija u mal-LESA sabiex niddiskutu l-problemi relatati ma parkegg illegali, rimi illegali u l-problema ta’ drogi.

2.10.2 Dwar dan il- Kunsill qabel unanimament .

*F’dan l-istadju tal-Laqgha il-Kunsill aggorna din il-laqgha u ghaldaqstant il-materji mnizzla hawn taht se jigu diskussa fil-laqgha li jmiss. (8.30pm)*

*2.11 Riorganizzazzjoni ta’ l-ispazji tal-Parkegg fi Triq il-Qattus u Triq Giovanni Scicluna*

*2.12 Xoghlijiet li saru minn Infrastructure Malta*

*2.13 Infurzar fi Triq Dun Guzepp Demicoli*

*2.14 Ristrutturar tat-toroq fiz-zona tal-Millieri*

*2.15 Traffic Management fi Triq Santa Tereza*

*2.16 Mizuri ta’ Indafa fi Triq il-Barklor*

*2.18 Mistoqsijiet u Twegibiet mill-Kunsilliera*

**2.17 Mozzjonijiet**

Annessi mal-Minuti

**2.19 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

2.19.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2019 fil-5:00pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.35pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 2**

**Mozzjoni Ref:** 02-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 1

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 18 ta' Lulju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 2**

**Mozzjoni Ref:** 02-02

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-iskeda ta' Pagamenti Nru 02(08)

**Keith Fenech**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 18 ta' Lulju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 2**

**Mozzjoni Ref:** 02-03

**Mozzjoni:**

Biex jigi approvat ir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-Sena: Jannar-Marzu 2019

**Darren Abela**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

---

**Data:** 18 ta' Lulju 2019

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**